**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Jonathan Grech**

**Kumpilazzjoni numru 56/2020**

**Illum 7 ta' Frar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jonathan Grech** detentur tal-karta tal-identità numru 459779M billi huwa akkuzat talli nhar l- 05 ta' Frar 2020 għall- ħabta ta' bejn 19:00 hrs u 20:00 hrs gewwa Triq Kent il-Fgura, kif ukoll gewwa l- fond 175D, "Ave Maria Court", Flat 3 Triq Kent Fgura, f'Malta mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal- mara tiegħu Marisa Grech, ġrieħi ta' natura hafifa, jew gabilha disordni f'moħħha kif iċċertifikat Dr J.P. Camilleri MD mic-Centru tas- Sahha, Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214,215, 221 (1), 222 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-persuna tal-mara tieghu Marisa Grech sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara kemm -il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi bi ksur tal-Artiklu 339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9. tal- Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom lejn il- mara tieghu Marisa Grech u dan bi ksur Artiklu 339 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9. tal- ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ghamel lejn il- mara tieghu Marisa Grech inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; u dan bi ksur Artiklu 339 (1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika , hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan , jew bil-hsieb li jgieghel lil mara tieghu Marisa Grech jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga , jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu/taghha , jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur Artiklu 49(a)(b)(c) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Marisa Grech u tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Marisa Grech ai termini tal-Artiklu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni

mill-imputat, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

DECIDE:

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49(a)(b)(c), 214, 215, 221 (1), 222 (1) (a), 339 (1) (b), 339 (1) (d), 339 (1)(e), 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl- applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tliet snin (3) millum.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

*Inoltre*, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lil imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifisu taht penali ta' elf ewro ( €1000 ) ghal zmien sena mill-llum u dan skond il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**